MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 77/2006

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentipprezentat fit-3 ta' Marzu, 2006 li permezz tieghu l-attrici esponiet bir-rispett u bil-gurament ikkonfermat:

1. Illi l-esponenti u l-konvenut izzewgu fl-20 ta' Marzu, 1999 (vide certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. 'A') u miz-zwieg taghhom huma ma kellhomx ulied.

2. Illi l-esponenti qatt ma kienet thobb lill-konvenut, izzewgitu unikament minhabba pressjonijiet maghmula fuqha kemm minn terzi u kif ukoll mic-cirkostanzi, u ma zzewgitx bil-hsieb illi tistawra mal-konvenut relazzjoni dejjiema ta' mhabba u li tibni familja mieghu.

3. Illi l-esponenti ikkuntrattat dan iz-zwieg bl-eskluzjoni ta' elementi fundamentali taz-zwieg innifsu fosthom il-fedelta', il-prokreazzjoni u t-tiswir ta' familja.

4. Illi min-naha tieghu l-konvenut, li meta beda johrog mal-esponenti kellu 29 sena u l-esponenti kienet l-ewwel tfajla illi huwa qatt hareg maghha, jidher illi ma kkuntrattatx iz-zwieg ghar-ragunijiet illi ghalihom zwieg ghandu jigi kuntrattat, u dan kif se jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi wkoll bejn il-kontendenti qatt ma kien hemm ebda diskussjoni serja dwar dawk li huma d-dmirijiet, id-drittijiet u r-responsabilitajiet tal-hajja mizzewga.

6. Illi wara zwieg qasir u infelici, il-kontendenti sseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fis-6 ta' Frar, 2003.

7. Illi ghaldaqstant iz-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fl-20 ta' Marzu, 1999 huwa wiehed null u bla ebda effett u dan ai termini tal-provvedimenti tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali u b'mod partikolari ai termini tal-paragrafi (d) u (f) tal-imsemmi artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Illi l-esponenti qed tikkonferma bil-gurament taghha l-fatti kollha kif kontenuti f'dan ir-rikors guramentat.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-

kontendenti fl-20 ta' Marzu, 1999 huwa null u bla ebda effett skond il-ligi u dan a tenur tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u b'mod partikolari a tenur tal-provedimenti tal-paragrafi (d) u (f) tal-istess artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. konsegwentement tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv tal-kontendenti li jgib in-numru 45/1999.

Il-konvenut huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u allura huwa kontumacji skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavit tal-attrici u ta' omississ.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Gunju, 2006 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-20 ta' Marzu, 1999 a bazi tal-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut huwa kontumacji, izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin "*F' materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni, imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament*

*tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju*." (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'kaz ta' ammissjoni izda japplika izjed ferm iktar fejn il-konvenut hu kontumacji billi hu risaput li fl-ordinatament guridiku taghna dan ifisser kontestazzjoni.

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

*19 (1) (d) – vizju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti ikun inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg .*

Mill-provi mressqa jidher li l-konvenut ma kienx preparat jidhol ghaz-zwieg. Bizzejjed jinghad li ghalih dan ma fisser ebda kambjament fil-mod kif jghix, meta kullhadd jaf li z-zwieg jirrikjedi fl-individwu responsabilitajiet gdida. Ma hemm ebda dubbju allura illi t-talba attrici tigi akkolta.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fl-20 ta' Marzu, 1999. L-ispejjez ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------